MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20/09

**L-Erbgħa 21 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja Itaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

20.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

20.4 SPI/SCI/04/2025 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025;

20.5 SPI/SCI/05/2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026;

20.6 SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

20.7 Jum il-Gudja 2025;

20.8 Sejħa għall-offerti: Xiri tal-van għal komunita' – Aġudikazzjoni;

20.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

20.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
e. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

20.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

20.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**

**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u ħamsa (5:05pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Is-Sindku beda l-laqgħa billi f'isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja tah il-kondoljanzi lill-kunsillier Stefan Caruana għat-telfa tal-għażiża ommu. Is-Sur Caruana rringrazzja lill-Kunsill tas-sapport f'dan il-mument diffiċli.

**20.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' apoloġija.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 19/09 nem con.

**20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

20.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li minn naħa tal-kumpanija tal-BCRS qed jippreparaw il-permessi għal Triq Bir Miftuħ. Is-Sindku żied jgħid li l-Gudja ġiet magħżula minn Clean Malta biex isir proġett pilota biex jinġabru l-fliexken dirett mir-residenti. Il-Kunsillier S Caruana qal li hija idea tajba u talab sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat b'dawn l-affarijiet qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

20.03.2 Is-Sindku għamel referenza għal ħamrija fi Triq Ħal Resqun, fejn l-ammont ta' karozzi naqas drastikament. Il-Kunsillier C Chetcuti qalet li kien hemm xi erbgħa karozzi ftit tal-ħin ilu. Is-Sindku żied jgħid li ser isir laqgħa mall-uffiċjali ta' TM dwar is-sitwazzjoni tal-karozzi tal-kiri f'din iż-żona. Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza dwar il-ħart fejn hemm il-ħamrija. Is-Sindku qal li kellem lil GEB.

20.03.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar ix-xogħlijiet li ser isiru fi Triq San Ċiru minn IM. Is-Sindku żied jgħid li ser ikun qed isir tibdil fis-sistema ta' drenaġġ. Qal ukoll li l-bankini mhux ser isiru bil-madum bħal tal-pjazza allavolja saret it-talba minn naħa tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qabblu li terġa' ssir talba lill-IM. Il-Kunsillier S Caruana ssuġġerriexa li fl-aħħar tal-ġurnata jsir xi lqugħ biex ma jkunx hemm periklu għal min jagħmel użu minn din it-triq.

20.03.04 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien bgħat email lis-Sindku ta' Għajnsielem dwar il-proposta tal-ġemellaġġ.

20.03.05 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kienet saret spezzjoni mill-uffiċjali tal-Public Transport dwar ir-rotta numru 88, fejn ġejna nfurmati li ma kienx hemm l-ebda problema biex residenti mill-Gudja jagħmlu użu minn din ir-rotta. Is-Sindku qal ukoll li rotta numru 226 żdiedet mall-stage ta' Dawret il-Gudja.

20.03.06 Is-Sindku qal li fi Triq De Warsbergh saret kaxxa ta' mutur wara li kien hemm talba mingħand resident. Is-Sindku żied jgħid li jekk f'din it-triq isir kollha sinjali, ma jkunx hemm lok fejn tipparkja karozza.

20.03.07 Preżentata korrispondenza dwar il-World Blood Donor Day, sabiex il-Kunsill jixgħel binja fil-lokalita. Il-Kunsill qabel li tinxtgħel il-faċċata tal-Kunsill.

20.03.08 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-servizz tas-Sigurta' Soċjali ser jibda jingħata kull nhar ta' Ġimgħa flok it-Tnejn.

20.03.09 Preżentat ir-Rapport ta' Ħidma għax-xahar ta' Mejju 2025.

20.03.10 Ġiet preżentata l-korrispondenza dwar it-tibdil tal-istemma tal-Gudja, fejn il-Kunsill approva li jħallas l-ispejjez relatati ma' dan it-tibdil.

20.03.11 Ġiet preżentata t-talba li saret mill-ħaddiem tal-RSSL – is-Sur M. Magro biex jestendi b'sena xogħol mall-Kunsill Lokali tal-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

20.03.12 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien applika għall-iskema minn Pjazza għal Pjazza sabiex isiru l-attivitajiet relatati ma' Jum iL-Gudja 2025. Din l-applikazzjoni ma ġietx diskussa qabel għal fatt li kien hemm perjodu qasir biex il-Kunsill japplika.

20.03.13 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li minn naħa tal-Kunsill kien sar rapport dwar il-kamra li qed taqa' fi Triq Victor Pasmore.

19:08hr Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa.

20.03.14 Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja ferraħ lill-istudenti tas-sitt sena u lill-għalliema tagħhom li kisbu l-ewwel post fil-kwiżż li sar mir-Reġjun Nofsinhar.

20.03.15 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li bħalissa għaddej ix-xogħol tal-installazzjoni tal-fanali fit-toroq tal-Gudja.

20.03.16 Is-Sindku qal li l-ħarġa fl-okazzjoni ta' Jum l-Omm 2025 kienet ta' suċċess u rringrazzja lil dawk kollha li attendew.

20.3.17 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti bil-laqgħa li kellu ma' xi studenti mill-Kinder 2 tal-iskola Primarja tal-Gudja, fejn dawn it-tfal kellhom l-opportunita' jsaqsu u jitkellmu mas-Sindku dwar il-lokalita' tagħhom.

**20.4 SPI/SCI/04/2025 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025;**

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni relatata mall-iskema SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025. Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill japprova din ir-riżoluzjoni u japplika għal din l-inizjattiva. Dawk preżenti qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

**20.5 SPI/SCI/05/2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026;**

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni relatata mall-iskema SPI/SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026. Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill japprova din ir-riżoluzjoni u japplika għal din l-inizjattiva. Dawk preżenti qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

**20.6 SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.**

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni relatata mall-iskema SPI/SCI/06/2025 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proċetti Infrstrutturali Maġġuri li ġew mwettqa mill-Gvern

Ċentrali. Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill japprova din ir-riżoluzjoni u japplika għal din l-inizjattiva. Dawk preżenti qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

**20.7 Jum il-Gudja 2025;**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-kliem tal-innu tal-Gudja kien ġie ffinalizzat mis-Sinjura Maryann Zammit. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsillier S Caruana ser ikun qed jieħu ħsieb l-arranġament mużikali. Is-Sur Caruana qal li qed jaħdem fuqu u ser jipprova biex sa' Jum il-Gudja jkun lest. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-attivita' relatata mall-palk isir il-Ħadd 13 ta' Lulju 2025 u l-attivita' relatata mall-okazzjoni ta' Jum il-Gudja isir fid-data tagħha fil-15 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ewwel isir il-quddies, is-sehem taż-żewġ baned tal-lokal u segwi ċermonja fuq iż-żuntier tal-Knisja. Is-Sindku propona biex isir riċeviment żgħir wara ċerimonja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill jnhiedi kompetizzjoni fost it-tfal sabiex jagħmlu filmat qasir fuq il-Gudja ta' mhux aktar minn żewġ minuti u dan jintwerew waqt iċ-ċerimonja ta' Jum il-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sindku propona wkoll biex isir sejħa għall-kantanti tfal mill-lokal biex jipparteċipaw waqt l-attivitajiet li ser isiru l-Ħadd 11 ta' Lulju. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**20.8 Sejħa għall-Offerti: Xiri tal-Van tal-Komunita' – Aġudikazzjoni;**

20.08.01 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-bord tal-aġudikazzjoni ser jiltaqa' matul il-ġimgħa dieħla biex jevalwa l-unika offerta li kien hemm mill-kumpanija Michael Attard Imports Ltd.

**20.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

20.09.01 Il-Kusilliera C Chetcuti qalet li waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill ta' tfal, it-tfal ħarġu b'diversi proposti fosthom biex jingħalqu aktar t-toroq għall-outdoor play, jitneħħew il-bollards li saru fil-pjazza għax xorta qed jipparkjaw il-karozzi u biex isir iffirskar tas-sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju, il-membri tal-Kunsill jiltagħqu mat-tfal qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

**20.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

   Is-Sindku qal li huwa mhux sodisfatt bix-xogħol li qed isir u nġibdet l-attenzjoni dwar dan. Is-Sindku żied li huwa talab sabiex titlesta l-parti fejn hemm il-gabbana.

b. Miż 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali - progress
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħlijiet fil-latrina huma lesti u propona li din tinfetaħ fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju u b'hekk jitwaqqaf is-servizz tal-mobile toilets . Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**20.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 12/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier S Caruana u sekondata mill-Kunsilliera Maria Micallef għall-ammont totali ta' €32,321.91 u ġiet approvata nem con.

**20.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (7:15pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2025 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta' Gunju 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv